Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Jesmond Micallef]

vs

Christopher Raymond Debono

Kumpilazzjoni Numru: 329/15

Illum, 5 ta' Mejju, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Christopher Raymond Debono detentur tal-karta tal-identità numru 035071M;

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' talli:-

Nhar it-08 ta' Settembru 2014, f'dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Marsa, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab ammont ta' flus lil Anthony Bonanno, li ghalihom hu ma kellux jedd u dana bi skop sabiex jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

Nhar is-07 ta' Marzu 2014 u fil-granet, gimghat u xhur ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun u kif ukoll fi bnadi ohra, bil-hsieb li jaghmel delitt, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab ammont ta' flus lil Marco Pisani, li ghalihom ihu ma kellux jedd u dana bi skop sabiex jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghek li jaghmel;

Nhar il-05 ta' Mejju 2013 u fil-granet u gimghat ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-

**Qawra, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab ammont ta' flus lil Alexander Borg, li ghalihom hu ma kellux jedd u dana bi skop sabiex jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;**

**Talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel reati li hu kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;**

**Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, jghaddi ghad-dispozizzjonijiet li hemm mahsuba fl-Artikolu 119 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghaxra (10) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017) fejn intalab li din il-Qorti ghandha ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi u cioè:-

a. Fl-Artikoli 112, 113, 114, 115(1), 119 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan wara li nqraw l-Artikoli supracitati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi dawn il-proceduri jirrivolvu ruhhom madwar ix-xhieda tal-partijiet involuti fil-kawza li xehdu bil-gurament a rigward l-allegat agir inkriminanti tal-imputat meta talabhom il-flus fil-kapacità tieghu ta' ufficjal tal-pulizija.

Illi mix-xhieda ta' **Alexander Borg** hareg illi huwa kellu incident awtomobilistiku b'vettura Mazda 323 bil-numru ta' registrazzjoni SWT 080, nhar il-4 ta' Mejju 2013 meta kien gej minn tieg ta' habiba tieghu. Illi meta telaq mit-tieg fis-sighat bikrin tal-ghada

kien ma' xi hbieb tieghu Sarita Azzopardi, Bjorn Micallef Bayliss u Kurt Cassar u ddecidew li jmorru Ghajn Tuffieha. Jghid illi meta kienu gejjin lura u xhin waslu hdejn ir-*roundabout* tal-erba' mwiezeb f'San Pawl il-Bahar infaqalu t-tajer u hadu ghal fuq din ir-*roundabout*. Cempel lil tat-*tow truck* u sakemm kienu qeghdin jistennewh ghaddiet karrozza tal-pulizija u waqfet hdejhom u hu ntalab biex imur maghhom l-ghassa fejn hemm kien hemm l-imputat li qallu li mnalla ma laqatx il-palma li kien hemm fir-*roundabout* ghax kien jehel elfejn ewro (€2,000). Imbaghad gew zewg pulizija bil-*breathyliser* u talab biex imur go kamra fejn kien hemm dghajsa mghottija u dan is-surgent qallu s-segwenti *"Jiena nista nghattilek dan kollu envelope zghir imur fin-nofs".* Jghid illi ghalkemm kien imbellah ma tax kaz dawk il-kliem u wara li regghu marru barra ffirma karta tad-danni u s-surgent qallu biex jerga' jigi l-pitghada filghaxija. Jghid illi tnejn minn shabu kienu qeghdin jistennewh barra.

Fis-7 ta' Mejju 2013 rega' mar l-ghassa kif kien talbu s-surgent akkumpanjat minn habib tieghu Mark Philip Borg. Ix-xhud jghid illi l-imputat qallu li kien ghattielu l-akkadut u kien hemm cifra ta' erba mitt ewro (€400) danni ghax ghattielu dan il-fatt u ma kienx

ghamillu l-*breathyliser*. Ix-xhud offrielu li jtih mija u hamsin ewro (€150) li jmur jigbidhom mill-Quickcash. Meta ra hekk is-surgent orielu faxxikolu u qallu li dak ir-ragel jista' jiskonta piena ta' habs ghax ma hallasx il-multa u qallu biex jerga' jmur l-ghassa l-ghada ghaliex b'mija u hamsin ewro (€150) ma kienx ser jaghmel xejn.

Jghid illi mar l-ghada u xhin qallu li kien mar il-kunsill sabiex jiccekkja rigward l-ispejjez u li haga hazina ma titpattiex b'ohra, is-surgent beda jghajjat u qallu biex jitlaq 'il barra u minn hemm ma semax aktar minnu. Jghid illi mbaghad ircieva tahrika tal-pulizija ghall-Qorti u kont tal-ELC ta' xi mitejn ewro (€200). Jghid illi meta telghu l-Qorti quddiem dak iz-zmien il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera l-avukat tieghu mar ikellem lill-Magistrat u qallha kollox x'kien gara u minn hemmhekk hija ordnat li l-proceduri jittiehdu bil-bibien maghluqa sakemm ma rcieva mill-Maggur tal-Pulizija sabiex jaghtih stqarrija minhabba xi proceduri dixxiplinari kontra l-imputat.

Xehed ukoll <u>**Anthony Bonanno**</u> li spjega illi fit-tmienja (8) ta' Settembru 2014 ircieva telefonata mill-ghassa tal-pulizija tal-Marsa fejn staqsewh sabiex imur l-ghassa u hemmhekk sab lill-

imputat fejn staqsieh jekk riedx ikellmu ta' pulizija jew xi haga ohra u stqasieh fuq incident li allegatament kien sehh fl-Imnarja fuq xi barxa fuq vann li allegatament kien ghamel hu. Meta x-xhud qallu li hu ma kien ghamel xejn is-surgent qallu li l-ispiza kienet ser tkun ta' sitt mitt ewro (€600). Dan jghid li qallu li seta' jgibhielu hamsin ewro (€50) imbaghad kellu jahseb fih. Jghid illi dan il-vann jaf ta' min kien u kien ta' certu wiehed Joshua Bonanno li kien kisirha minn mieghu ghaliex kien seraq liz-zija tieghu. Jghid illi meta sema' dawn il-kliem minghand is-surgent kesah u ddecieda li jcempel lil ufficjal tal-pulizija li kien qed jehodlu hsieb mis-CID u cioè l-Ispettur James Grech li dan cempel lis-surgent bit-telefon tax-xhud u tkellmu bejniethom. Jghid illi apparti dik il-frazi s-surgent qatt ma kien talbu xejn aktar.

<u>Sorita Azzopardi</u> li tigi wahda mill-hbieb ta' Alex Borg li kienet mieghu dakinhar tal-incident spjegat ezattament id-dimanika tal-incident hekk kif kien spjega Alex qabilha u tghid illi meta dan kien gewwa l-ghassa hi u shabha li kienu maghhom baqghu barra fir-reception tal-ghassa biex meta hareg Alex kien abjad karti u qalilhom b'dak li kien gara. Tghid illi dak il-hin kollu Alex baqa' mas-surgent fl-ufficcju tieghu u qatt ma hargu minn hemm. Tghid

illi xi tliet ijiem wara kienet hadet lil Alex l-ghassa fejn hija bqaghet fil-karrozza fejn qabel waqqfitu l-Kunsill Lokali izda kien maghluq.

Habib iehor ta' Alex Borg u cioè <u>**Bjorn Micallef**</u> ikkonferma dak li kienet qalet ix-xhud ta' qablu u zied li hu ma sema' l-ebda diskors gej mill-ufficcju tas-surgent u hadd ma talbu sabiex jaghti l-verzjoni tieghu.

Xehed <u>**PC188 Luke Camilleri**</u> li kien wiehed mill-pulizija li marru fuq il-post fuq telefonata tal-imputat li kien osserva din il-vettura hu u sejjer lejn id-dar. Jghid illi apparti zrar fuq il-post u l-karozza qed tigi ttowjata, huma xammew riha ta' alkohol minn fuq il-persuna tax-xufier li kien Alexander Borg. Minn hemmhekk l-imputat tahom struzzjonijiet sabiex igibu lin-nies involuti l-ghassa tal-Qawra fejn dan dahhal lil Alex Borg fl-ufficcju tieghu u talab lix-xhud sabiex igiblu l-*breathyliser*. Jghid illi meta hadulu, is-surgent tah id-drittijiet u xaghlu u baqa' jkellmu. Jghid illi meta rega' mar lura fl-ufficcju tal-imputat induna li l-*breathyliser* ma bediex jahdem u ghalhekk talbu biex jerga' jiehdu lura. Jghid illi huwa mbaghad rega' mar jaqdi xi nies ohra biex meta rega' dahal hdejn is-surgent sabu fil-garaxx tal-istess ghassa jkellem lil Alex

Borg. Jghid illi kien dahhal l-okkorrenza bl-ghajnuna tas-Surgent ghaliex kien ghadu gdid fis-servizz (Dok. LC1). Jghid inkontroezami illi PS830 ma riedx inizzel il-bicca li l-*breathyliser* ma kienx qed jahdem fir-rapport u dan skont hu kien nuqqas ghaliex maz-zmien tghallem li fir-rapport irid inizzel kollox. Jghid imma li l-akkuzi kontra Alexander Borg kien is-Surgent 830 li kien kitibhom u fil-fatt jikkonferma li kien hemm l-akkuza tal-*breathyliser.*

<u>PC620 Jonathan Buttigieg</u> xehed bil-gurament u pprezenta l-istqarrija li kien ta lil Internal Affairs tal-Pulizija rigward l-incident (Dok. JB1).

Xehdet <u>WPC323 Ritienne Gauci</u> li a rigward il-kaz ta' Marco Pisani taf li s-surgent 830 ried ikellmu mill-ghassa tal-Marsa nhar il-erbgha (4) ta' Settembru 2014 u mbaghad l-istess Marco Pisani qallha biex tghaddilu messagg illi dak li kien qed jaghmel kien hazin u semmielha xi flus li kien talbu s-surgent izda ma kien taha l-ebda dettalji ohra. Dan il-fatt gie sussegwentement ikkonfermat mill-ufficjal prosekutur l-<u>Ispettur Jesmond Micallef</u> fejn xehed illi r-rapport originali kontra Marco Pisani sar minn certu Pio Chetcuti

fejn irrapporta fl-ghassa tal-Hamrun li l-istess Pisani, li kien qed joqghod f'wiehed mill-appartamenti tieghu, kien qed jisraq xi elettriku. Jghid illi l-imputat kien kellem lil Pisani fl-ghassa tal-Hamrun dakinhar tar-rapport u kien talbu xi flus sabiex ma jiehux passi kontrih. Jghid illi Pisani kien offrielu s-somma ta' hames mitt ewro (€500) fejn allegatament is-surgent kien qallu li ma kienx bizzejjed u dakinhar ma kien sar xejn. Kien ghalhekk li darba ohra l-imputat kien cempillu sabiex imur l-ghassa tal-Marsa izda dan kien iddecieda li jaghmel rapport fl-ghassa tal-Hamrun kontra l-imputat (Dok. JM4). Dokument JM5 hija l-okkorrenza tal-kaz li jirrigwardja Anthony Bonanno. Dokument JM6 u JM7 huma l-istqarrijiet li kien ta l-imputat wara li kien ghazel li ma jikkonsultax ma' avukat ta' fiducja tieghu. L-Ispettur Micallef esebixxa wkoll inkontroezami l-faxxikolu tal-pulizija relatat mal-kaz ta' Anthony Bonanno li gie mmarkat bhala Dokument JAX. Fuq domandi li saru mid-difiza lix-xhud hareg illi propju johrog minn dan il-faxxikolu illi l-Ispettur Sarah Magri kienet ordnat lill-imputat sabiex icempel lil Bonanno u fil-fatt wara l-imputat dahhal *invoice* tad-danni allegatament subiti minn Joshua Cachia. Hareg ukoll illi l-Ispettur Edel Camilleri kienet talbet lill-PS830 kemm-il darba sabiex jibghat ghal Bonanno kif jidher mill-faxxikolu. Jikkonferma illi meta dan

il-faxxikolu ma jkunx qed jintuza ikun fl-ghassa relattiva izda dan ma jkunx imsakkar u ghalhekk ipotetikament kulhadd mill-ghassa jkollu access ghalih.

<u>L-Ispettur James Grech</u> xehed fuq il-kaz ta' Anthony Bonanno fejn dan kien qed jinvestiga allegazzjoni ta' hruq doluz allegatament minn Joshua Cachia fuq krejn tal-istess Bonanno u ghalhekk meta Cachia ghamel ir-rapport ta' hsarat fuq il-vann tieghu dakinhar tal-Imnarja u li kellu suspett fuq Bonanno cempel lis-surgent 830 li kien qed jinvestiga l-kaz sabiex jinfurmah bir-retroxena izda jghid illi dan is-surgent hadu bil-herra u qallu biex ma jindahalx. Jghid illi Bonanno kien infurmah illi s-surgent 830 kien qallu li l-hsarat fuq il-vann kienu jammontaw ghal sitt mitt ewro (€600) u kien qallu biex jekk jammetti jkun jista' jnizzilhom ghal hamsin ewro (€50) basta jahseb fih. Illi ta' dan ix-xhud ghamel rapport kontra l-imputat (Dok JG2). Dok. JG1 huwa r-rapport li kien sar fuq il-hsara volontarja. Jghid illi sussegwentement induna illi l-istima tal-hsarat kienet tammonta ghal tliet mija u hamsin ewro (€350) u ghalhekk aktar ikkonvinca ruhu illi Bonanno ma kienx qed jigdiblu.

Lorraine Farrugia li tigi l-gharusa ta' Marco Pisani kkonfermat li dan kien qallha li s-surgent 830 kien qed jitlobha xi hames mitt ewro (€500) sabiex ma jipprocedix kontrih. Dan kien ikkonfermat mill-istess Marco Pisani bil-gurament fejn xehed li minhabba dan ir-rapport huwa gie arrestat fl-ghassa tal-Hamrun fejn gie mitkellem mill-imputat. Jghid illi l-imputat taparsi cempel lil xi hadd u wara li qata' qallu li qed jipprova jirrangalu fuq ir-rapport ghaliex kien ser johrog ghonqu ghalih u ghalhekk ghandu jhallsu s-somma ta' hames mitt ewro (€500). Ix-xhud accetta li jhallas lis-surgent izda bin-nifs. Jghid illi ghadda ftit zmien sakemm beda jhallas u nel frattemp induna li kienet kollha kummiedja izda l-imputat beda jcempillu sabiex itih il-flus u hu qallu li l-fatt li kien pulizija ma jfissirx li l-ligi jaghmilha hu. Ikkonferma wkoll illi darba cempel u kienet kelmitu l-gharusa tieghu Lorraine Farrugia fejn beda jghajjat sabiex jaghtuh il-flus.

Semghet lill-espert nominat mill-Qorti fuq talba tad-difiza Dr Martin Bajada li kien gie nominat sabiex jaghmel a *full audit report* fuq ir-rapporti ta' Anthony Bonanno/Joshua Cachia (7Q1573/2014), Alexander Borg (9V1835/2013) u Marco Pisano (7P909/2014).

Dr Martin Bajada esebixxa zewg rapporti rigward il-hatra tieghu l-ewwel wiehed huwa *audit report* tat-tliet okkorrenzi (Dok MB1) u t-tieni rapport huwa *a full audit report* tal-istess okkorrenzi (Dok MB2). Dan l-ahhar rapport kien jinkludi r-rapporti li dahlu u kull darba li dahal xi hadd fuq is-sistema u jekk ghamel xi alterazzjonijiet fuq ir-rapport.

**Edgar Borg** rapprezentant tal-kumpannija ELC xehed a rigward il-hsarat subiti fir-*roundabout* mertu tal-incident ta' Alexander Borg u wara li esebixxa tali stima (Dok EB1) xehed illi dan il-kont thallas minn Borg sentejn wara u cioè fil-hmistax (15) ta' Dicembru 2015.

Finalment xehed l-imputat **Christopher Raymond Debono** f'xhieda voluminuza hafna fejn ikkonferma li f'erbgha u ghoxrin sena servizz huwa qatt ma gie sospiz u ezatt qabel ma seta' johrog bil-pensjoni li gie sospiz minhabba dan il-kaz. Jghid illi a rigward il-*police files* jezistu tlieta mhux wiehed hekk kif gie pprezentat u t-tnejn l-ohra ma gewx ipprezentati ghaliex ma kellux f'idejh in-numru bhal ma kellu ta' dak li gie pprezentat f'dawn il-proceduri. Jghid illi konvint li jezistu dawn il-files ghaliex huwa kien inputtja xi affarijiet fihom ukoll.

Jghid illi fil-file ta' Alexander Borg huwa kien attaccja l-okkorrenza flimkien ma' dokument li dan kien lest li jhallas l-ispejjez tal-Gvern flimkien mal-istima relattiva tal-ELC kif ukoll xi minuti ta' xi kollegi tieghu.

Fuq il-file ta' Marco Pisani jghid illi barra l-okkorrenza kien hemm ukoll rinunzja da parti tal-Inginier tal-Enemalta li jghid li ma kienx hemm kaz kontrih kif ukoll xi ritratti. A rigward dan il- jallega illi l-qoxra giet mibdula u dan ghaliex l-*entries* fil-file qoxra ma jaqblux mal-minuti ta' gewwa. Jghid illi ghalkemm kellu pressjoni sabiex il-minuti jittajpjahom, huwa baqa' jinsisti illi jiktibhom bil-kalligrafija tieghu ghaliex kien qed jara affarijiet mhux sew fil-konfront tieghu. Ezempju li jsemmi hija minuta numru sitta (6) fejn hemm hafna inkongruwenzi u qed jghid illi dik ma kitibhiex hu ghalkemm hija li kieku miktuba minnu kif ukoll minuta numru ghaxra (10) fejn m'hemmx ir-risposta tieghu ghal minuta tal-Ispettur Sarah Magri sabiex ikellem lil Bonanno. Hu kien ghamel minuta li ma kinitx kompetenza tieghu izda fil-file ma tidhirx li qieghda hemmhekk apparti l-fatt li fiha affarijiet li jidhru li kitibhom hu izda l-kalligrafija mhijiex tieghu.

L-imputat jitfa' dell ukoll fuq it-telefonati li saru mill-ghassa tal-Pulizija tal-Marsa ghaliex jghid illi ghalkemm kull telefonata tigi registrata dawk li johorgu mill-ghassa tal-Marsa ma jkunux u ghalhekk hemm telefonati neqsin li dawn sar jaf bihom biss waqt il-proceduri fejn imbaghad kien tard wisq biex jingabu minghand is-*service providers* dan b'referenza ghal kaz ta' Marco Pisani. B'dawn il-*logs* tat-telefonati kien ikun jista' jitlob li jingabu l-hinijiet tieghu tax-xoghol u fejn kien stazzjonat. Jghid illi qatt ma kellem lill-ebda persuna u wisq anqas lit-tliet persuni involuti f'dawn il-proceduri.

Fuq ix-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni senjatament ghall-kaz ta' Marco Pisani, l-imputat jghid illi l-kaz tieghu l-anqas kien assenjat lilu izda kien ta' surgenta li kienet talbitu sabiex f'kaz li jmur Marco Pisani l-ghassa wara li kienet cemplitlu, sabiex jisimghu u jmur mieghu fuq il-post. Jghid illi dan kien gie darba filghaxija meta kien duty hu. Kien gie ma' habib tieghu u ma' zewg nisa li baqghu barra. Jghid illi kellmu wara l-bank tal-*orderly* u qatt ma kellmu wahdu l-anqas meta mar fil-post ghaliex kien hemm habib tieghu u x-xufier PC1066 Guillaumier. Ta' dan ix-xhudipprezenta skizz tal-ghassa tal-Hamrun.

L-imputat ikompli jixhed a rigward is-Supretendent tieghu li kien Bartolo li kellu hafna clashes mieghu ghaliex kien ta' sikwit itih ordnijiet mhux legittimi u ghaliex kien jirrifjuta, dan Bartolo kien qallu li kien ser ihassarlu s-servizz. Jghid illi l-kaz ta' Marco Pisani qatt ma wasal ghall-Qorti ghaliex kien hemm rinunzja da parti tal-Enemalta ghaliex dan kellu l-kunsens tas-sid sabiex jissellef l-elettriku u l-istorja waqfet hemm.

Fil-kaz ta' Anthony Bonanno jghid li kien dahal rapport minghand Joshua Cachia fejn dan kien qed jallega li Anthony Bonanno kien giriflu l-vann nhar l-Imnarja u kellu xhud lil certu Anthony Caruana. Jghid illi baghat ghal Joshua u talbu jara l-vann u biex itih stima tal-hsarat fejn induna li peress li d-danni kienu konsiderevoli din kienet sejra kumpilazzjoni izda dan dam gimghat biex jipprezentalu din l-istima wara diversi *letters to call*. Ghalhekk informa lill-Ispettur Sarah Magri b'dan il-fatt u hi qaltlu sabiex jibghat ghal Anthony Bonanno sabiex isaqsih jekk iridx ihallas. Din kienet tidher ghalih daqsxejn stramba però dan xorta wahda baghat ghalih. Meta kien quddiem Bonanno jghid illi beda jircievi telefonati minghand l-Ispettur James Grech u mis-surgent tieghu

li gew ipprezentati fl-atti izda jghid illi kien hemm telefonati ohra li ma gewx ipprezentati.

L-imputat johrog il-punt ukoll li apparti li hemm evidentement telefonati neqsin u dan johrog car anke mill-bidu tal-konverzazzjonijiet tat-telefonati li ngabu, illi jekk dan verament qal lil Bonanno li l-istima giet ghal sitt mitt ewro (€600) izda kien ser jirrangalu sabiex inizzilha ghal hamsin ewro (€50) min kien ser ihallas id-differenza ghaliex id-diskrepanza hija wahda konsiderevoli. Jghid ukoll illi bejn l-allegazzjoni ta’ Marco Pisani u dik ta’ Bonanno kien hemm biss xi erbat ijiem bejniethom u ghalhekk anke din kienet tidher suspettuza li xi hadd ried jinkastrah.

Fuq ta’ Alexander Borg jghid illi meta sar jaf bl-incident baghat lil zewg pulizija fuq il-post u anke hu mar fuq il-post fejn seta’ jikkostata xi hsarat fuq ir-*roundabout*. Ghalhekk huwa ordna sabiex imorru n-nies flimkien mal-vettura l-ghassa Qawra fejn hemmhekk staqsa lil Borg jekk riedx jiffirma *waiver* sabiex ikun jista’ jhallas l-ispejjez tal-hsarat u dan accetta. Dan kollu sar fil-kamra tas-surgenti fil-prezenza ta’ PC620 u PC188. Jghid illi meta

telaq Borg dawn iz-zewg kuntistabbli qalulu li kienu xammew riha ta' xorb u peress li dan kien diga' telaq mill-post ha parir mis-surgent li jaghmel is-seduta tal-kollizjonijiet sabiex itih parir x'seta' jaghmel. Huwa jghid illi dan qallu sabiex johrog l-akkuza tax-xorb fuq it-tieni paragrafu u ghalhekk meta l-imputat informa lil Borg li kienet ser tohrog din l-akkuza wkoll dan gie ma' habib tieghu sabiex jiehu s-sudisfazzjon u beda jghidlu biex jaghlaq ghajn wahda. L-imputat ikompli jghid illi biex jehles minnu mar ipejjep sigarett fil-garaxx fejn hemm id-dghajsa izda Borg gie warajh u kompla jghidlu sakemm ma staqsieh sabiex imur it-toilet. Jghid illi meta dan hareg mit-toilet siehbu kaxkru 'il barra mill-ghassa u anke kien imharrek biex jixhed fis-seduta tal-kollizjonijiet izda ghal xi raguni l-prosekuzzjoni ma riditx ittellghu. Jghid illi sussegwentement rega' baghat ghal Borg meta kellu f'idejh l-istima tal-hsara tal-ELC li kienet tammonta ghal mitejn tliet mija u ghoxrin ewro (€233) izda dan Borg qallu li kull ma seta' jhallas kien biss mija u hamsin ewro (€150) izda l-imputat qallu li jrid ihallas l-ammont kollu u jghid li dan rega' beda jeqred bil-problemi li kellu fil-familja u dakinhar ma hallas xejn.

Jghid illi dakinhar tal-kawza kontra Borg u meta l-imputat kien ser jitla' jixhed l-avukat ta' Borg avvicina s-sedja minghajr il-prosekuzzjoni u l-kawza thalliet *sine die*. Aktar tard sar jaf illi qal lill-Magistrat li l-imputat kien talab il-flus lil Borg. Jghid illi wara hafna u meta rega' gie appuntat il-kaz quddiem Magistrat iehor, tqajjmet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u x-xhud jghid illi qal lill-Magistrat Clarke li l-kawza ma kinitx preskritta ghaliex dan kien digà gie notifikat quddiem il-Magistrat ohra precedentement izda meta l-Magistrat talbet ghar-referti, il-prosekuzzjoni infurmat li kienet sprovvista minnhom u ghalhekk fil-fatt giet preskritta.

**Ikkunsidrat**

Rat in-nomina tal-espert kalligrafu Joseph Mallia li gie nominat fuq qbil taz-zewg partijiet u wara li nstemghet ix-xhieda dettaljata tal-imputat sabiex jaghmel komparazzjoni tal-firma tal-imputat mal-kitba kontenuta fid-Dokument JAX a fol 277 tal-process liema kitba hija murija li nkitbet mill-istess imputat.

Semghet ix-xhieda tal-espert **Joseph Mallia** li esebixxa r-rapport tieghu mmarkat Dokument JM1 fejn dan ikkonkluda s-segwenti:

*"Mela l-parti mill-kwizit li kellu s-Sur Debono kienu li l-mixja tal-file ma kienitx registrata fuq il-folja ta' quddiem. Jien ezaminajt il-file u rrizulta illi l-uniku tlett (3) dati li hemm fuq il-file kien meta l-file mexa mid-Dipartiment tal-Pulizija irreferut ghas-Sur Debono li huma nhar is-sbatax (17) ta' Dicembru, tal-elfejn u erbatax (2014), nhar is-sitta (6) ta' Novembru, tal-hmistax (15) u nhar il-hamsa (5) ta' Mejju, tal-hmistax (15). Meta dan il-file origina nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju, elfejn u erbatax (2014) sewwa, origina mis-Supretendent tad-Distrett numru sebgha (7), it-timbru ggib id-data tal-erbatax (14) ta' Awwissu, tal-elfejn u erbatax (2014). Dina tirrizulta minn minuta numru wiehed (1) tal-file. Pero' ghandi nghid illi l-file kif inhu, kif gie ipprezentat lili jien ghamilt kopja tieghu, dan il-file irridu naghmlu certu korrezzjonijiet fih biex inkunu nistghu niftehmu. Il'ghaliex? L'ghaliex il-minuti meta jkun hemm minuti, meta file jmur minn Dipartiment ghal iehor ikunu fuq in-naha tax-xellug tal-file, ir-reds jigifieri dak li ddahhal fih ikunu fuq in-naha tal-lemin tal-file, dan il-file kif inhu hemm kollox ma' xulxin. Jigifieri jekk dan il-file hadt ma missu, hadt ma'*

*nqala gie jpprezentat b'mod hazin. Il'ghaliex? Il'ghaliex jekk nifthu l-file li ghandkom please, immorru r-rapport, jigifieri r-rapport l-original file fl-ahhar tlett folji fuq in-naha ta' wara l-ahhar tlett folji dawk biridu jinqalaw minn hemmhekk sewwa u jigu fuq in-naha tal-lemin tal-file. .... Umbaghad sussegwentement jekk immorru t-tlett (3) folji l-ohra l-NPS Report li huwa minn folja 1 sa folja 3 iridu jinqghalaw mill-posizzjoni li qeghdin u jmorru fuq in-naha l-ohra tar-reds. ...*

*Umbaghad hemm l-istima, l-istima tal-hsarat li wkoll trid tinqala' u tmur fuq in-naha l-ohra tar-reds. Dana qed nghidu ghad iktar tard irrid nispjega x'irrizulta fuq dawn l-affarijiet. Umbaghad hemm is-subject form li fiha number 10/17 taht li wkoll trid tinqala minn hemmhekk u tmur fuq in-naha l-ohra tal-file."*

A rigward il-folja ta' quddiem u cioè dik ta' kulur blu l-espert ukoll jikkonferma li hemm xi anomalitajiet u cioè:

*"Fl-ewwel kolonna kull moviment li ghamel il-file jigifieri jekk mill-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat. . . .*

*Imur ghal Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun irid hawnhekk irid ikun registrat fejn mar u d-data fejn mar ghax inkella l-file ma jinstabx. Hawn diversi, hawn diversi movimenti li ghamel il-file pero' hlif meta mar ghand PS830 f'dawk id-dati li semmejt ma jezistiex li gie rregistrat fuq il-folja ta' quddiem. Barra minn hekk fuq il-continuation sheet jigifieri fuq dawn il-folji suppost ikun hemm in-numru Q324/14 fuq kull folja innumerata. Meta qed naraw minuta numru erbgha (4) hemmhekk m'hemmx in-numru tal-file, kif ukoll minuta fuq il-pagna, minuta numru tmienja (8) sa minuta numru hdax (11) li m'hemmx in-numru wkoll tal-file ikkwotat, ukoll jirrizulta illi fuq il-minuta numru dsatax (19) m'hemmx in-numru tal-file u fuq il-minuta numru hamsa u ghoxrin (25) m'hemmx ukoll in-numru tal-file. Dak li ghandu x'jaqsam mal-file".*

A rigward l-allegazzjoni tal-imputat li kien hemm kalligrafija li ma kinitx tieghu fil-minuti l-espert jghid illi hemm minuta numru 10

illi kien hemm kitba li wara ezami kimiku rrizulta li kienet tal-imputat u li giet imhassra bit-tippex u miktuba fuqha liema kalligrafija ma kinitx tal-imputat izda giet miktuba minn persuna ohra u ghamlitha li giet maghmula minn PS830. Jghid illi folja mill-istess file ma hijiex originali izda hija kopja maghmula b'xi fotokopja jew giet ipprintjata.

L-espert jikkonkludi bl-ahhar anomalija fis-sens:

> *"Fuq in-numru sebgha (7). Il-Q324/14 ir-referenza numru tal-file dik il-kalagrafija kienet kompatibbli ma' tas-Sur Debono pero' il-firma li hemm taht PS830 m'hijiex kompatibbli ma' tas-Sur Debono. Issa ghar-rigward tat-ten (10) u seven (7) ghamilt il-file, ghamilt il-file f'postu apposta l'ghaliex? Il'ghaliex meta inkitbet ir-red ten (10) seventeen (17) fuq il-folja ta' taht irrizulta maghfus li kien hemm il-kitba ta' qabel, pero' meta inti tara F53 fuq il-faxxiklu tieghi hemmhekk in-numru ghaxra (10) jidher maghfus fuq il-PIRS, fuq il-folja li kien hemm wara tal-PIRS. Pero' numru sebgha (7) li hemm go nofs iz-zero (0)."*

Rat it-trattazzjonijiet bil-miktub permezz ta' noti taz-zewg partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat Christopher Raymond Debono huwa addebitat bir-reat ta' korruzzjoni bhala r-reat principali u l-aktar gravi. Ghalkemm l-Avukat Generali fin-nota tieghu fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi ma kkwotax is-subinciz li ghandu japplika ghal dan il-kaz din il-Qorti thoss illi l-fattispeci tal-kaz ghandu jigi applikat id-dispozittiv tas-subinciz (b) tal-Artikolu 115(1). Dan l-Artikolu jghid is-segwenti:-

> *"(1) Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jircievi jew jaccetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantagg ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati –*
>
> *(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għall- fatt*

*biss li jkun accetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, il-piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa ħames snin;*

*that jekk, barra milli jkun accetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' prigunerija minn sena sa tmien snin".*

Illi kif inghad ir-reat ta' korruzzjoni li bih hu addebitat l-imputat jixbah dak naxxenti mis-subinciz (b) tal-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9. Din hija dik meqjusa bhala korruzzjoni passiva cioè dik allegatament imwettqa mill-ufficjal jew impjegat pubbliku. Illi n-Novissimo Digesto Italiano (UTET, 1957, vol. IV, v, corruzione, p. 899) ikkwotat anke fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza citata aktar 'il fuq f'din is-sentenza u li gietipprezentata f'dawn l-atti (Dok TMX) inghad illi:

*"La corruzione si presenta sotto una duplice forma: passiva e attiva. La prima consiste nel fatto di chi si lascia corrompere; riguarda cioe' il fatto dell'intraneus, pubblico ufficiale e incaricato di pubblico servizio, il quale riceve o accetta la promessa di denaro, o altro, per un atto di ufficio*

*o contrario al dovere di ufficio. La seconda, e cioe' l-attivita', e' costituita dal fatto del corruttore; e riguarda cioe', la condotta dell'extraneus, che da o promette per avere un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio."*

Illi ghalhekk fil-korruzzjoni passiva jrid ikun hemm il-ftehim volontarju bejn l-ufficjal u l-persuna. Jekk imbaghad dak li jkun gie prospettat u miftiehem fil-fatt isehh u ghalhekk l-ufficjal ikun naqas li jaghmel dak li jkun fid-dmir li jaghmel, dan l-agir jaqa' taht is-subinciz (c) tal-Artikolu 115.

Illi r-reat ta' korruzzjoni skont il-**Professur A. J. Mamo** fin-Notes on Criminal Law (revised edition 1954-55):

*"this crime subsists at any rate in it simple form, irrespective of the inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime*

*but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment."*

Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju 1986 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u Paul Galea** nghad is-segwenti:

*"In propositu huwa rilevanti hafna l-Artikolu 114 (illum 115) stante li dan jistabilixxi diversi gradi ta' piena bazata fuq kriterji relattivi ghall-iskop u l-effetti tal-att kostitwenti l-korruzzjoni, fis-sens li l-ligi tiddistingwi principlament bejn il-kaz fejn l-iskop tar-rigal ikun sabiex l-ufficcjal jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel; u l-kaz fejn l-iskop ikun sabiex ma jaghmilx dak li hu fid-dmiru - fit-tieni kaz, jekk l-ufficjal 'fil-fatt' jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel."*

Din il-Qorti kompliet tghid ukoll illi:

*".... u huwa immaterjali - ghal finijiiet tar-responsabilita' li nonostante dan il-vantagg l-impjegat xorta wahda ghamel dmiru. Ghax ir-reat odjern almenu fil-limiti tal- paragrafu (b) tal-Artikolu 114 (illum 115(b)) huwa kkonsmat mal-accettazzjoni tal-offerta u mhux mal- effetto ta' din fuq l-ezercizzju tal-funzjonijiet tal- impjegat."*

Illi l-elementi tar-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku huma deskritti f'diversi sentenzi fosthom fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982) fejn gew deskritti hekk:

1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku.
2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta' ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.
3. L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r- rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.
4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel. Jinghad li dawn l-erba'

elementi jridu jikkonkorru kollha fl-istess hin sabiex jista' jinghad li r-reat gie ppruvat.

1.<u>**Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku**</u>

Dan hu l-ewwel element essenzjali ghall-ezistenza ta' dan ir-reat. Il-kliem tal-ligi huwa wieghsa u jinkludi fih kull ufficjal u impjegat tal-Gvern. Fis-sentenza <u>**Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et**</u> (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982) il-Qorti rriteniet li:

> *" ...jirrizulta mill-provi li l-imputati George Vassallo u Carmelo Mifsud huma impjegati tal-Gvern u t-tnejn jaqghu that id-definizzjoni ta' impjegat pubbliku..".*

Il-ligi espressament tirrikjedi li din il-persuna tkun ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku, u ghalhekk huwa eskluz kull min ma jkollux din il-kariga.

Is-sentenza hawn fuq citata kkwotat Chauveau et Helie fejn intqal:

*"min jikkommetti reat bhal dan ikun qed jittradixxi mhux biss id-doveri partikolari ta' l-ufficcju tieghu izda anke jittradixxi l-interess tal-komunita' li giet fdata bis-sistema gudizzjarja nnifissha".*

Illi mill-provi prodotti hareg car illi l-imputat kien impjegat pubbliku fil-Korp tal-Pulizija fil-grad ta' Surgent meta twettqu l-allegat reati u ghaldaqstant l-ewwel rekwizit huwa sodisfatt.

2.<u>L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd</u>

It-tieni element huwa l-accettazzjoni ghalih jew ghal haddiehor ta' renumerazzjoni jew promessa jew offerta ta' renumerazzjoni li mhix dovuta lilu b'ligi. Huwa essenzjali li l-korruzzjoni ghandha tiehu l-forma ta' accettazzjoni ta' xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor irrispettivament mill-valur jew sura taghha. Hafna drabi l-korruzzjoni kienet tikkonsisti f'accettazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ta' valur però l-accettazzjoni ta' weghda hija bizzejjed. M'hemmx ghalfejn li l-valur jigi kwantifikat. Hawnhekk

terga' ssir referenza ghas-sentenza fuq citata Il-**Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et.** Fejn inghad li:

> *"It-tieni estrem tar-reat odjern jirrikjedi li l-impjegat pubbliku ikun ircieva jew accetta xi rigal jew vantagg jew utilita. F'dan ir-rigward, Il-Qorti tosserva li l-lokuzzjoni adoperata mil-ligi hija tali li tirrikjedi fiha kull haga li tista' tkun ta' vantagg ghal persuna li tkun giet korrotta, u ghalhekk mhux necessarju li dan il-vantagg ikun jikkonsisti fi flus. Dak li hu essenzjali hu li l-oggett ikun ta' beneficcju ghalih, ghax f'dan il-kaz hemm l-inkoraggjament f'din il-persuna li titradixxi l-fiducja moghtija lilha mis-socjeta' billi tkun qieghda taghmel ghal vantagg taghha dak li suppost qed taghmel minghajr hlas."*

B'dan però illi jrid ikun hemm almenu weghda ta' flus jew ta' xi vantagg iehor ikun x'ikun. Jekk l-ufficjal pubbliku jew impejgat pubbliku jcedi ghal solicitazzjoni jew pressjoni minghajr ma jkun hemm tali weghda l-att tieghu ma jammontax ghal att ta' korruzzjoni. Ghalkemm tali agir jista' jkun illegali zgur li però ma

jikkwalifikax ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3.<u>L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun inkonnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu</u>

Dan it-tielet element kontemplat fir-reat skont l-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hi dik li l-accettazjoni tar-renumerazjoni jew il-weghda jew l-offerta hi maghmula mill-ufficjal pubbliku inkonnessjoni mal-ufficcju tieghu jew l-impjieg tieghu. Dan ifisser li dan kollu ghandu jaqa' fil-parametri tal-funzjonijiet tieghu. Ghalhekk jekk l-att m'ghandux x'jaqsam mal-funzjonijiet tieghu ta' ufficcjal pubbliku u cioè li m'ghandux dritt jaghmel dak l-att skont l-impjieg tieghu xorta jibqa' att ta' ufficjal pubbliku però mhux wiehed li jaqa' fil-parametri ta' dan ir-reat. Trid tkun haga li fuqha l-ufficjal pubbliku ghandu kontroll immedjat jew fir-rigward ta' haga li hu biss jista' jaghmel.

Fis-sentenza gja kkwotata <u>Il-Pulizja vs Lawrence sive Lorry Cuschieri</u> l-Qorti rriteniet li:-

*"It-tielet ingredjent jesigi li dan il-vantagg jigi accettat in konnessjoni mal-kariga jew l-impieg tal-persuna korrotta. In subjecta materja, il-qorti jidhrilha opportun li jigi osservat il-lokuzzjoni xejn ristretta adoperata mill- ligi. Kull ma hu necessarju hu li l-att in kwistjoni, relattiv ghal vantagg offert, ikun konness mal-funzjonijiet tal-impjegat, izda b'mod li jidhol fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu, ghax huwa unikament f'dan il-kaz li jista' jigi pregudikat l-interess generali. Fi kliem iehor l-att intiz irid ikun, 'an act of his office'."*

Fil-fatt il-Professur Mamo jikkonferma billi jghid:

*"it seems however sufficient if the act be one in respect of which the officer concerned could only by reason of his office give any directions or make any arrangements whatever, or in any manner influence the decision thereon".*

Is-sentenza tal-Appell imbaghad tkompli tghid li:

*"Il-Qorti taqbel perfettament din l-interpretazzjoni tal-ligi, stante li hi konformi u tinkwadra pjenament mar- rationale taghha cioe' dak li tassigura li l-esercizzju tal- funzjonijiet da parti tal-impjegati ikun 'rite et recte' f'kul kaz.....mhux necessarju li l-att tkun tali li jaqa' direttament fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu - imma huwa sufficjenti li jkun tali li, l-impjegat ikun jista' jaghmel fl-esercizzju tax-xoghol tieghu."*

Ghalhekk, sabiex jissussisti dan ir-reat ta' korruzzjoni hemm bzonn li jigi stabbilit ness bejn l-accettazzjoni ta' flus jew utli iehor u l-ezercizzju tal-kariga jew impjieg pubbliku.

F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Maria Cini** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012) il-Qorti kienet hasset illi ma kienx hemm l-accettazjoni tal-parti l-ohra u lanqas ma kien hemm xi forma ta' ftehim sabiex l-appellant jaghmel dak li ma messux jaghmel jew li huwa fid-dover li jaghmel u ghalhekk dan ir-reat kif dispost fl-Artikolu115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jissussistix.

**<u>4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel</u>**

Illi ghalhekk minnufih jigi rilevat li l-offerta jrid ikollha l-iskop li tinduci lill-ufficjal pubbliku li jaghmel haga li m'ghandux x'jaghmel. Fl-ewwel ipotesi, meta l-ufficjal pubbliku jaghmel id-dover tieghu inkontro kambju ghal xi vantagg il-Professur Mamo jghid:

> *"..the law wants to protect the integrity of the public service and the prestige of the judiciary which are harmed in the esteem which they should enjoy by any improper reward received even though it is not intended to injure materially the interests of the individual or the interest of Justice."*

It-tieni ipotesi hija meta r-rigal jew kull haga li tinghata lill-ufficjal pubbliku sabiex jehel milli jaghmel id-dover tieghu l-Professur Mamo jghid:

> *"that there is in addition to the injury to the good name of the service also the danger of actual injury to the right of*

*the individuals or of justice and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment."*

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Demicoli** l-Qorti irriteniet:

*"b'referenza ghar-raba' element ghandu jigi stabbilit jekk l-ufficjal pubbliku hax il-flus bl-iskop jew li jaghmel dak li huwa fid-dover li jaghmel jew li jonqos li jaghmel dak li hu fid-dover li jaghmel. Id-differenza fil-prattika tirrigwarda l-piena li ghandha tigi applikata."*

Interessanti dak li qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Gatt** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012), taht il-ligi taghna:

*"sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d- dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the*

*crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."*

Ghaldaqstant huwa car illi taht il-ligi Maltija, sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel il-kommissjoni tal-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku.

Ikkunsidrat

Illi gialadarba l-elementi tar-reat addebitat lill-imputat huma cari u elenkati, il-prosekuzzjoni kellha tipproduci l-provi kollha dawk favur kif ukoll kontra l-imputat u mhux tkun selettiva fil-provi taghha u dan sabiex tipprevali l-gustizzja.

Illi fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi** (Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001), il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

*"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il- Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar- reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil- hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu,ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx*

*l- ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

Illi ghalhekk il-htija tista' tirrizulta biss meta mill-provi jkun jirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** (Appell Kriminali (Inferjuri - deciz 01.08.1959) intqal illi *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"* u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John** (Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciz 21/2/2002) gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat"*.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **__Il-Pulizija vs Peter Ebejer__** ghamlet ukoll referenza ghall-ispjegazzjoni tal-frazi *beyond reasonable doubt* moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **__Miller v Minister of Pension__** (1974 – ALL Er 372) fejn intqal:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Ukoll u kif gie kkunsidrat fis-sentenza bl-ismijiet **__Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat__** (deciz 05/12/1997):

> *"Illi l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex*

*tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

*"Il cosi ` detto onero della prova, cioe ` il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi dan kollu qed jinghad ghaliex f'dawn il-proceduri l-imputat minn dejjem kien skjett fid-dikjarazzjonijiet tieghu illi sar *frame*

*up* minn xi persuni fil-korp sabiex itellfulu s-snin ta' servizz u dan peress li hu kien ser johrog bil-penzjoni li taghti l-Korp tal-Pulizija u kif zvolgew il-provi specjalment dawk prodotti mill-istess imputat, din il-Qorti temmen il-verzjoni tieghu.

Illi din il-Qorti gharblet il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u ghalkemm mad-daqqa t'ghajn kien jidher car illi x-xhieda tat-tliet persuni principali f'dawn il-proceduri u cioè Anthony Bonanno, Marco Pisani u Alexander Borg kienu mis-sewwa però meta affaccjati mal-verzjoni bil-gurament tal-imputat l-istorja bdiet tiehu xghira differenti. Dan ghaliex l-imputat, kif digà nghad, minn dejjem kien ta verzjoni wahda li dan gie *framed* sabiex ma jihux il-pensjoni tas-servizz. Inoltre x-xhieda tieghu bil-gurament kienet tant dettaljata illi tohloq dubju serju a rigward il-kredibilità tat-testimonjanza tat-tliet individwi. Illi ghal din ir-raguni li din il-Qorti ghazlet li tikkwota b'mod dettaljat ix-xhieda tal-imputat ghaliex l-ebda persuna li tkun qed tigdeb ma tista' taghti verzjoni daqshekk dettaljata tal-eventi li graw. Barra minn hekk dak li allega l-imputat gie ppruvat bil-fatti minn dak li hareg mir-rapport tal-espert Joseph Mallia. Mill-assjem tar-rizultanzi ta' dan l-espert hareg illi dan il-*Police File* (Dok. JAX) tant kien imbaghbas illi bilfors

din il-Qorti xxeqleb favur it-tezi tal-imputat li xi hadd, x'aktarx internament mill-Korp tal-Pulizija kellu x'jaqsam ma' dan. Di piu' hareg ukoll illi partijiet mill-minuti gew ukoll iffabbrikati sabiex jidher illi l-imputat kellu l-kontroll fuq dan il-police file. Inoltre l-imputat jixhed fuq l-ezistenza ta' zewg files ohra relatati maz-zewg kazijiet l-ohra u ghalhekk din il-Qorti tistaqsi ghalfejn dawn ma gewx prodotti u ghalfejn meta l-prosekutur staqsa sabiex ituh dawn il-files xi hadd qallu li ma jezistux jew ma nstabux? Hija improbabbli hafna jekk mhux impossibbli li dawn il-files qatt ma kienu jezistu izda huwa aktar probabbli illi dawn ma nghatawx lill-prosekutur ghaliex il-kontenut taghhom kien skomdu ghall-kaz tal-imputat. Fattur iehor huwa d-dilungar eccessiv li dan il-file li gie esebit fl-atti gie migjub il-Qorti wara li d-difiza damet seduti shah sabiex jigu esebiti t-tliet (3) files li jirrelataw ghat-tliet rapporti.

A rigward l-elementi ta' korruzzjoni hareg car anke jekk din il-Qorti toqghod fuq il-verzjoni tat-tliet xhieda principali illi:-

a) L-ebda flejjes jew vantagg ma ghaddew minn parti ghall-ohra;

b) Qatt ma kien hemm accettazzjoni ghall-hlas ta' xi flus jew ghall-ghoti ta' xi vantagg minn parti ghall-ohra;

c) U jekk is-subinciz li ghandu japplika ghal dan il-kaz huwa 115(1)(b), u l-imputat ghalhekk ma kellux jaghmel dak li kellu fid-dmir li jaghmel, fil-kaz ta' Alexander Borg inhargu l-akkuzi kontrih, fil-kaz ta' Marco Pisani ma ttiehdux proceduri mhux bis-sahha tal-imputat izda fuq in-*nolle prosequi* minn naha tal-kwerelant, u fil-kaz ta' Anthony Bonanno l-imputat ma kellux il-jedd li ma johrogx l-akkuzi ghaliex skont l-ammont din kellha tmur kumpilazzjoni li kellha tohrog mill-Ispettur u mhux minnu.

B'hekk isegwi li tali provi kif migjuba jwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, skont l-insenjament tal-Qrati Superjuri tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza bl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca)</u>

<u>**Vs Omissis, Kenneth Borg**</u> (Appell Kriminali deciza-27/03/2017) fejn gie kkunsidrat:

*"Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl- appellant mill-Qorti tal-ewwel grad."*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija Spettur Neil Harrison vs Simeon Nicholas Sultana**</u> (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali 01/11/2001) gie kkunsidrat:

*"Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas- sejbien ta' hitja, trid tkun cara u univoka fis-sens li twassal necessarjament, u f'kuntest ta' dak li hu ragjonevoli, ghall-htija tal- imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is- sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat."*

Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha mressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti, li l-provi u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, li ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat anzi li l-

imputat irnexxielu jipprova, ghalkemm ma kellu ghalfejn jghid xejn, illi huwa m'ghandux jinstab hati tal-akkuzi.

Illi din il-Qorti taghlaq biex tikkonkludi u tikkwota l-Qorti tal-Appell Kriminali b'decizjoni tad-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn intqal li:

> *"jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor."*

Illi finalment ghall-akkuzi l-ohra addebitati lill-imputat dawn huma konsegwenzjali ghar-reat principali ta' korruzzjoni u gialadarba ma hijiex ser tinstab htija fuq dan ma tistax tinstab htija fuq dawn l-akkuzi.

Ghal dawn il-motivi kollha ma ssibx lill-imputat **Christopher Raymond Debono** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kwindi tilliberah minnhom stante li ma gewx ippruvati oltre d-dubju dettat mil-ligi.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**